**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-IMĦALLEF**
**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**

**Illum, 12 ta' Lulju 2023**

**Rikors Ġuramentat Nru: 39/18 AL**

**A B C D**

**Vs**

**E C F u b'digriet tad-29 ta' Settembru, 2020 ġew nominati Dr Josette Sultana u PL Quentin Tanti bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti E C F u b'digriet tas-6 ta' Lulju, 2023 ġew estromessi l-kuraturi deputati.**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attriċi li *in forza* tiegħu wara li ppremettiet:

1. *Illi l-esponenti żżewġet lil E C F, li hu ta' nazzjonalita` Eġizjana, ġewwa l-Eġittu nhar l-10 ta' Mejju 1993 (ara Dok. A);*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ l-partijiet kellhom żewġt itfal maġorenni, [redacted] li twieldet fil-11 ta' Marzu 1994, u [redacted] li twieled nhar is-6 t'Ottubru 1997; u ħamest (5) itfal minuri [redacted] li twieled fit-18 ta' Settembru, 2001, [redacted] li twieldet nhar fit-2 ta' Awwissu, 2007, [redacted] li twieldet fis-27 ta' Marzu, 2009, A li twieldet nhar l-14 ta' Ottubru, 2011; [redacted] li twieldet nhar it-22 ta' Settembru, 2013 (ara Dok.B sa Dok H rispettivament);*

3. *Illi l-ħajja konjugali ta' bejn il-partijiet ma baqgħetx aktar possibbli minħabba adulterju, swat, abbuż, vjolenza, u eċċessi, minaċċji, sevizzi, theddid u offiżi gravi, fost affarijiet oħra, validi fil-Liġi li rrendew il-ħajja konjugali impossibbli u li jagħtu lok għas-separazzjoni personali skont il-Liġi, bi ħtija imputabblu unikament lill-konvenut;*

4. *Illi l-konvenut huwa bniedem kontrolluż u vjolenti fiżikament, emozzjonalment u finanzjarjament fil-konfront tal-esponenti; tant illi l-esponenti kellha tirrikorri għall-għajnuna tal-pulizija diversi drabi, u tmur tirrisjedi ġewwa xelter flimkien mal-ħamest itfal minuri għas-sigurta` tagħha u ta' uliedha;*

5. *Illi l-konvenut kien anke tressaq quddiem il-Qorti kriminali fis-sena 2015, u ġie misjub ħati talli kkaġuna ġrieħi lill-esponenti; u ngħata piena ta' tmien xhur priġunerija u nħarget Ordni ta' Protezzjoni a favur l-esponenti;*

6. *Illi minn Awwissu 2015 sal-lum, l-esponenti ħadet ħsieb lill-minuri waħidha mingħajr ebda għajnuna da parti tal-konvenut;*

7. *Illi riċentement, il-konvenut reġa' tressaq taħt arrest quddiem il-Qorti kriminali fuq każ li seħħ ġewwa d-Detention Centre;*

8. *Illi konsegwentement, il-ħajja konjugali m'għadhiex aktar possibbli u dan minħabba nuqqasijiet imputabbli unikament lill-konvenut;*

9. *Illi għaldaqstant, l-esponenti ġiet kostretta tipproċedi bi proċeduri ta' separazzjoni personali minħabba dan l-aġir aggressiv u rresponsabbli tal-konvenut kif ukoll in-nuqqas ta' interess da parti tiegħu; tant illi l-esponenti intavolat diversi rikorsi urġenti fl-atti tal-Ittra ta' Medjazzjoni sabiex tirregola dak kollu li jispetta l-minuri;*

10. *Illi finalment l-esponenti reġgħet fetħet il-proċeduri ta' medjazzjoni nhar it-2 ta' Frar, 2018 wara li l-Qorti rat ir-rikors tal-esponenti datat 6 ta' Frar 2018 sabiex jingħalqu l-proċeduri ta' medjazzjoni u tingħata l-awtorizzazzjoni sabiex tipproċedi f'din l-istanza, din l-Onorabbli Qorti laqgħet it-talba tal-esponenti permezz ta' digriet datat 9 ta' Frar 2018 (Ara Dok. I);*

11. *Il-fatti hawn dikjarati tafhom hi personalment;*

*Jgħid għalhekk il-konvenut, għalfejn dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni għar-raġunijiet gravi u tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut fosthom adulterju u vjolenza fiżika u psikoloġika, theddid, inġurji gravi, sevizzi u minaċċji li r-rendew il-ħajja matrimonjali tal-partijiet impossibbli; tant li l-esponenti kellha titlaq mid-dar*

*matrimonjali u tmur tirrisjedi ġewwa xelter flimkien mal-minuri għas-sigurta` tagħha u tal-istess uliedhom;*

2. *Tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-ħamest itfal minuri aħwa E C F f'idejn l-esponenti; u sabiex tieħu kwalunkwe deċiżjonijiet relatati mas-saħħa, ħrug tal-passaporti, safar u edukazzjoni tal-imsemmija minuri u dan kif jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;*

3. *Tordna li l-imsemmija minuri jirrisjedu primarjament flimkien mal-esponenti; u dan kif jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;*

4. *Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li għandu jiġi pagabbli mill-konvenut għall-esponenti u għall-ħamest itfal minuri, u jibqa' hekk pagabbli sakemm l-imsemmija minuri jagħlqu l-eta` ta' tmintax (18)-il sena jekk jieqfu mill-iskola u jibdew jaħdmu bi qliegħ jew sa tlieta u għoxrin (23) sena jekk il-minuri jiddeċċiedu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi full-time; kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegħ tal-konvenut mill-impieg jew xogħol jew kwalunkwe benefiċċju li qed jiperċepixxi l-konvenut u jiġu depożitati f'kont bankarju indikat mill-esponenti; u tipprovdi dwar modalitajiet ta' kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti ż-żieda fl-għoli tal-ħajja;*

5. *Tordna lill-konvenut sabiex iħallas l-ispejjeż kollha ta' saħħa u edukazzjoni tal-istess minuri sakemm ikunu għadhom qed jistudjaw; inkluż, u mhux limitatament, uniformijiet, transport, donations, privatijiet, u kwalunkwe spejjeż oħra relatati mal-edukazzjoni, inkluż spejjeż relatati ma' attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri;*

6. *Tagħti dawk il-provedimenti xierqa u opportuni li jikkonċernaw lill-minuri, fosthom iżda mhux limitatament, dwar kif għandu jiġi regolat is-safar u l-ħruġ tal-*passaport *tal-minuri, b'dan illi l-*passaporti *għandhom jinżammu mill-*esponenti; *l-attendenza tal-minuri għall-*iskola *u attivitajiet familjari u edukattivi oħra u extra-kurrikulari, u dan taħt kull provediment xieraq u opportun li jogħġobha tagħti din l-*Onorabbli Qorti;

7. *Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jiperċepixxi manteniment mingħand l-*esponenti ;

8. *Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-*kontendenti, tillikwida l-*istess* komunjoni u tordna li l-*istess oġġetti* formanti l-komunjoni tal-akkwisti *jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet* komposti kif jiġi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet *jiġu assenjati waħda lill-attriċi u l-oħra* lill-konvenut, u dan okkorendo *b'opera ta' periti nominandi u billi jiġi* nominat nutar sabiex *jirċievi l-*att relattiv u kuratur biex *jirrappreżenta* lill-eventwali kontumaċja *fuq l-*istess att;

9. Tiddikjara liema huma l-beni mobbli u immobbli dotali u/jew parafernali tal-*attriċi hekk kif jirriżultaw waqt it-*trattazzjoni tal-*kawża filwaqt li* tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-*attriċi* tali beni dotali u/jew parafernali tagħha, u dana fi żmien qasir u perentorju, li għandu jiġi lili prefiss minn din l-Onorabbli Qorti;

10. *Tappunta kuratur sabiex jirrappreżenta lill-*konvenut fl-eventwali kontumaċja tiegħu fuq l-att ta' diviżjoni relattiva f'jum, ħin u post stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti;

11. *Tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif maħsuba fl-Artkoli 48 et. seq. tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u tapplika kontrih interament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, u 51 sa 55 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

12. *Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti;*

*Bl-Ispejjeż u imgħaxijiet kollha, inkluż l-Ittri ta' Medjazzjonijiet, kontra l-konvenut li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut fejn ġie eċċepit:

1. *Illi l-esponent jaqbel mal-ewwel u t-tieni premessa;*

2. *Illi fir-rigward tat-tielet premessa, il-ħajja kojugali ma baqgħetx aktar possibbli mhux minħabba l-esponent u mhux minħabba r-raġunijiet inveritieri li ndikat ir-rikorrenti, iżda;*

3. *Illi l-esponent bħalissaa jinsab ġewwa d-Detention Centre ta' Ħal Safi.*

4. *Illi l-esponent mhuwiex jingħata aċċess għat-tfal tiegħu.*

5. *Illi s-separazzjoni għandha tiġi pronunzjata bejn il-partijiet minħabba raġunijiet imputabbli kontra r-rikorrenti, fosthom abbuż emottiv, minaċċi, sevizzi, fost affarijiet oħra li rrendew il-ħajja konjugali*

*impossibbli u li jagħtu lok għas-*separazzjoni personali skont il-*liġi, bi ħtija imputabbli unikament lill-*konvenut[1]*;*

6. *Illi l-kura u l-kustodja għandha tkun konġunta u ma jeżistux raġunijiet validi fil-liġi għaliex dan m'għandux ikun hekk;*

7. *L-esponent dejjem provda għall-familja tiegħu, tant illi meta kien jaħdem kien iħallas il-kera tal-fond li l-partijiet kienu jikru u li kienet d-dar matrimonjali u dejjem provda għal uliedu u għal martu. L-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni jinqasmu bin-*nofs bejn il-partijiet skont il-*Liġi;*

8. *Dak kollu li għandu x'jaqsam mal-minuri għandu ssir bil-kunsens taż-żewġ partijiet bil-*miktub, fosthom, imma mhux limitatament illi l-esponent għandu jiffirma għall-ħruġ *tal-*passaport tal-istess minuri;

9. *Ma hemmx kwistjonijiet ta' dekadenza minn naħa* tal-esponent;

10. Rigward it-*talba numru tmienja, din ġiet deċiża b'sentenza tas-*17 *t'Ottubru, 2018 fejn twaqfet il-*komunjoni tal-*akkwisti eżistenti bejn il-*partijiet u dan mill-effett mill jum illi din is-*sentenza tgħaddi in ġudikat.*

11. Rigward it-talba numru *disgħa, dan għandu japplika anki għall-*esponent.

12. *Rigward it-talba numru ħdax ma' hemm l-ebda raġuni sabiex tiġi dikjarata d-dekadenza tal-esponent.*

*Bl-Ispejjeż.*

[1] Vide fol 131

Rat il-lista tax-xhieda tal-intimat;

Rat id-dokumenti eżebiti mar-rikors ġuramentat tal-attriċi[2] inkluż fotokopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet, kif ukoll fotokopja tad-Digriet tad-9 ta' Frar, 2018 fejn il-Qorti ddkjarat il-medjazzjoni magħluqa u awtorizzat lill-partijiet jipproċedu bil-kawża fit-terminu mpost mill-liġi;

Rat id-digriet tal-11 ta' Lulju, 2018 fejn il-Qorti ordnat li *pendente lite* l-konvenut għandu jħallas €200 kull erba ġimgħat bħala manteniment għall-ulied[3];

Rat in-nota tal-attriċi[4] permezz ta' liema ġie anness l-Affidavit tagħha maqsum f'diversi aspetti tal-vertenza *ai termini* ta' dak ordnat mill-Qorti a fol 35;

Rat is-sentenza fl-ismijiet A B C D vs E C F, deċiża minn din il-Qorti nhar is-17 t'Ottubru, 2018, fejn il-Qorti ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet.[5]

Rat is-sentenza preliminari fl-ismijiet A B C D vs E C F , deċiża minn din il-Qorti fit-13 ta' Frar, 2019, fejn ġie deċiż illi l-konvenut irenexxilu

[2] Dawn huma kollha fotokopji.

[3] Il-Qorti ħadet konjizzjoni tad-dokumnenti kollha li ġew eżebiti mar-rikors tal-attriċi b'talba *pendente lite* għal manteniment għall-ulied tal-partijiet, tal-20 ta' Frar 2018, fejn jirriżulta li permezz ta'digriet *pendente lite* ta' nhar l-20 ta' Ġunju 2017[3] il-Qorti kienent ordnat il-konvenut iħallas lir-rikorrenti bħala manteniment għal ħames (5) minuri [redacted] s-somma ta' elf ewro (€ 1000) b'effett mill-20 ta' Marzu, 2017 u li jinkludi spejjeż ta' edukazzjoni u saħħa u jiżdied skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. B'hekk ukoll il-Qorti rat li l-attriċi eżebiet ukoll id-digriet ta' nhar l-22 ta' Jannar, 2018, fejn il-Qorti kienet irrevokat id-digriet tal-20 ta' Ġunju, 2017.

[4] Fol 113

[5] Fol. 17 sa 20 Rik. Gur. Nru. 39/18/2 AL

jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu u għalhekk ġie awtorizzat jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu.[6]

Rat id-digriet *pendente lite* tat- 13 ta' Marzu, 2019 fejn ġiet nominata Avukat tat-tfal sabiex tisma' lit-tfal u tirrelata dwar dak mitlub mill-konvenut fir-rikors tiegħu tal-5 ta' Marzu, 2019[7] sabiex ikollu aċċess għat-tfal tiegħu;

Rat ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal ta' nhar id-29 t' April, 2019, fejn abbażi tal-fatt li Avukat tat-tfal ġiet infurmata mingħand uffiċjal tad-detenzjoni li l-konvenut ġie deportat minn Malta fl-10 ta' April, 2019, għamlet rakkomandazzjoni sabiex tiġi ikkunsidrata l-possibilita` li titneħħa l-awtorita` paternali tal-konvenut minħabba n-nuqqas serju li wasslu għad-deportazzjoni mill-pajjiż;[8]

Rat id-digriet tad- 29 t'April, 2019 fejn il-Qorti ċaħdet it-talba tal-konvenut għal aċċess għall-uliedu u fejn inoltre` l-Qorti ordnat t-tneħħija mill-awtorita` paternali tal-konvenut minħabba f'nuqqas serju li wassal għad-deportazzjoni tiegħu minn Malta;[9]

Rat id-digriet tad-19 ta' Novembru, 2022 fejn il-Qorti ċaħdet it-talba tal-konvenut għall-aċċess u dan fid-dawl tar-riżultanzi tar-rapport tal-Avukat tat-Tfal tal-14 ta' Novembru 2022.

Rat id-digriet tas-27 t'Ottubru, 2022 fejn il-Qorti ddikjarat l-istadju tal-provi tal-konvenut magħluqa;

---

[6] Fol. 19 sa 28 Rik. Ġur. Nru. 39/18/3 AL
[7] Fol 135
[8] Fol 141
[9] Fol 142

Rat id-digriet tas-7 ta' Diċembru, 2022 fejn il-Qorti ċaħdet it-talba tal-attur sabiex il- Qorti tirrevoka contrario imperio id-digriet tas-27 t'Ottubru, 2022;

Rat id-digriet tat-22 ta' Marzu, 2023 fejn il-Qorti ċaħdet it-talba tal-konvenut għall-ħatra ta' psikologu fi stadju meta l-kawża tinstab differita għas-sentenza, u dan wara li l-kawża kienet ilha pendenti ħames snin.

Rat id-digriet tat-22 ta' Marzu, 2023 fejn il-Qorti laqgħet it-talba tal-attriċi għall-estensjoni tat-terminu sabiex tippreżenta in-nota ta' sottomissjonijiet tagħha;

Rat id-digriet tal-4 ta' Lulju, 2023 fejn il-Qorti ordnat is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, in vista li l-kuraturi deputati ma ġewx estromessi;

Rat id-digriet tas- 6 ta' Lulju, 2023, fejn il-Qorti laqgħet it-talba għall-estromissjoni tal-kuraturi deputati;

Rat l-affidavit tal-attriċi;[10]

Rat l-affidavit ulterjuri tal-attriċi;[11]

Rat il-verbali kollha;

Rat id-dokumenti illi ġew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta' dan il-proċediment.

---

[10] Fol. 156 sa 164 – dan l-affidavit huwa mmarkat DOK EAE 1 u l-kontenut huwa prattikament l-istess għal dak in atti a fol 114 sa 125 bid-differenza li dan ta' l-aħħar jkkontjeni wkoll aspetti oħra fuq: l-Awtorita ta' Ġenitur; Il-Kura u Kustodja, l-Aċċess, Il-Manteniment; Id-dar Matriomonjali; Il-Komunjoni tal-Akkwisti u Assi Parafernali
[11] Fol 232

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attriċi;[12]

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut;[13]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għallum;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża ta’ separazzjoni personali bejn il-partijiet bl-applikazzjoni tal-Artikoli 48 et seq, tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta; ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u likwidazzjoni tal-istess, talbiet relatati b’mod dirett mal-minuri wlied il-partijiet, *inter alia* għal manteniment, spejjeż ta’ saħħa u edukazzjoni u kura u kustodja; talba għal manteniment għall-attriċi u talba speċifika sabiex il-konvenut jiġi ordnat jirritorna lura l-beni mobbli u immobbli, dotali u /jew parafernali tal-attriċi.

**<u>Il-VERŻJONI TAL-ATTRIĊI</u>**

[12] Fol 176
[13] Fol 184

L-attriċi xehdet permezz ta' Affidavits[14] u eżebiet dokumenti[15] kemm mar-rikors promotur, kif ukoll mal-varju rikorsi u risposti li saru *pendente lite* u dawk li ġew annessi mal-affidavits tagħha jew ġew eżebiti quddiem l-Assistent Ġudizzjarju. Jingħad ukoll li quddiem l-Assistent Ġudizzjarju l-attriċi ddikjarat li l-konvenut ġie deportat minn Malta.

Id-dokumenti li ġew prodotti mill-attriċi huma s-segwenti:

- Dok A[16] fotokopja ta' traduzzjoni taċ-ċertikat taż-żwieġ u fotokopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ bil-lingwa Għarbija;
- Dok B[17] fotokopja ta' traduzzjoni taċ-ċertifikat tat-twelid tat-tifla [redacted] u fotokopja ta' dokument bl-Għarbi.
- Dok C [18]fotokopja ta' traduzzjoni taċ-ċertifikat tat-twelid tat-tifel [redacted] u fotokopja ta' dokument bl-Għarbi;
- Dol D[19] fotokopja taċ-ċertifikat tat-twelid mir-Reġistru Pubbliku tat-tifel [redacted];
- Dok E[21] fotokopja ta' traduzzjoni taċ-ċertifikat tat-twelid tat-tifla [redacted] u fotokopja ta' dokument bl-Għarbi;
- Dok F[22] fotokopja ta' traduzzjoni taċ-ċertifkat tat-twelid tat-tifla [redacted], u fotokopja ta' dokument bl-Għarbi;

[14] 1) l-Ewwel affidavit jinsab a fol 114 , immarkat bħala Dok. 'A'. Dan l'affidavit ġie ppreżentat b'nota u jidħol fid-diversi aspetti tal-vertenza *ai termini* tad-Digriet tal-26 ta' Frar 2018, (liema digriet jinsab a fol 34); 2) It-tieni Affidvait jinsab a fol. 156 sa 164. Dan ġie mmarkat bħala Dok. EAE1, u ġie ppreżentat quddiem l-Assistent Ġudizzjarju waqt is-seduta tal-24 ta' Jannar, 2020; 3) Affidavit ieħor jinsab a fol 232 u ġie mmarkat bħala Dok 'PR1'. Dan ġie ppreżentat quddiem l-Assistent Ġudizzjarju fis-seduta tal-17 ta' Frar, 2022

[16] Fol 8
[17] Fol 12
[18] Fol 15
[19] Fol. 18
[20] Magħruf bl-isem [redacted] kif spjegat mill-attriċi fl-affidavit tagħha.
[21] Fol 19
[22] Fol 23

- Dok. G[23] fotokopja ta' traduzzjoni taċ-ċertifikat tat-twelid tat-tifla [redacted], u fotokopja ta' dokument bl-Għarbi
- Dok. H fotokopja taċ-ċertifikat tat-twelid mir-Reġistru Pubbliku tat-tifla [redacted] E C F.
- Dok.[24] I fotokopja ta' tad-Digriet tad-9 ta' Frar, 2018 fejn il-Qorti ordnat il-medjazzjoni magħluqa u awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b'kawża.

Is-segwenti dokumenti ġew annessi mar-rikors *pendente lite* tal-attriċi[25] fejn talbet lil Qorti sabiex tordna lil konvenut sabiex iħallasha manteniment għall-uliedhom minuri. Dawn id-dokumenti ġew ikkonfermati minnha b'dikjarazzjoni solenni:

- Dok A[26], fotokopja ta' Digriet ta' Kundizzjonijiet Għall-Ħelsien Mill-Arrest datat 12 ta' Novembru, 2015 fil-kawża fl-ismijiet: Il-Pulizija vs E C F u Ordni ta' Protezzjoni datat 12 ta' Novembru, 2015 fl-Ismijiet: Pulizija vs E C F, favur B C D;
- Dok. B[27] Digriet *pendente lite* tal-Qorti Ċivili Sezzjoni tal-Familja, datat 20 ta' Ġunju, 2017, fejn *inter alia* l-Qorti diversament presjeduta ordnat l-initmat sabiex iħallas manteniment fl-ammont ta' elf ewro (€1000) fix-xahar, għall-ħames uliedu minuri, u liema ammont kien jinkludi wkoll spejjeż eduakzzjoni u saħħa;
- Dok C[28] - digriet datat 22 ta' Jannar 2018 fejn peress li l-attriċi ma ppreżentatx risposta l-Qorti diversament presjeduta laqgħet it-talba ta' E C F;

[23] Fol 27
[24] Fol 33
[25] Fol 44 rikors datat 20/02/2018
[26] Fol 47
[27] Fol 49
[28] Fol 50

- Dok C2[29] fotokopja (mhux komplut) ta' vera kopja ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 11 ta' Mejju, 2016 fl-ismijiet: Pulzija vs E C F fejn skont din is-sentenza l-intimat ġie misjub ħati ta' uħud mill-akkużi miġjuba kontra tiegħu, u ġie kkunadannat tmien (8) xhur priġunerija. Fis-sentenza l-Qorti orndat ordni ta' protezzjoni favur B C D għall-perjodu ta' tlett snin mid-data tas-sentenza;
- Dok D[30] fotokopja ta' rapport tal-pulizija datat 17 ta' Lulju, 2016;
- Dok E[31] fotokopja ta' vera kopja ta' taħrika fuq Avviz ta' reat tal-Pulzija kontra E C F , sabiex jidher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-14 t'Ottubru, 2016;
- Dok F[32] fotokopja ta' artiklu mis-sit www.maltatoday.com.mt bl-isem: *Nine Immigrants denied bail after scuffle";*
- Dok G[33] fotokopja ta' dokument maħruġ minn *Jobsplus* indirizzata lil E C F datata 6 ta' Diċembru, 2016, li jindika id-data: 01 ta' Novembru, 2016 bħala bidu tal-impieg tal-intimat ma' Absolute Catering Ltd; u l-Employment History[34] tal-attriċi;
- Dok H[35] fotokopji tal-FS3's u dokumenti relatati max-xogħl tal-attriċi;
- Dok I[36] -fotokopji ta' dokumenti relatati mal-qliegħ tal-attriċi;
- Dok J[37]- diversi spejjeż u rċevuti;
- Dok. K[38] prospett dwar l-ispejjeż tal-minuri li huma a) fissi fix-xahar u b) fissi fis-sena;

[29] Fol 51
[30] Fol 53
[31] Fol 58
[32] Fol 59
[33] Fol 61
[34] Fol 62
[35] Fol 63
[36] Fol 68
[37] Fol 70 sa 103
[38] Fol 104

Fis-seduta quddiem l-Assistent Ġudizzjarju tad-9 ta' Marzu, 2020, l-attriċi eżebiet is-segwenti dokumenti li kkonfermathom b'dikjarazzjoni solenni u żiedet tgħid:

- Dok AB 1[39] fotokopja ta' rapport mediku dwar ġrieħi li tgħid li soffriet wara li l-konvenut sawwatha meta ma kentix f'sikkitha biex tagħmel il-faċendi wara operazzjoni li għamlet. Tgħid li bis-swat li qalgħet reġa' fetħilha l-punti;
- Dok AB 2[40] fotokopja tal-*patients certification form* abbinat ma' Dok AB 1;
- Dok AB 3[41] -fotokopja ta' vera kopja ta' parti mis-sentenza mogħtija fil-11 ta' Mejju, 2016 mill-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kontra l-konvenut ;
- Dok AB4[42] – fotokopja ta' ċertifikat taż-żwieġ tal-konvenut **ma' terza persuna magħrufa bl-isem** [redacted] armla ta' [redacted] liema dokument jindika lis- 16 ta' April, 1997 bħala d-data taż-żwieġ ma' din it-terza persuna u dan waqt li kien għadu miżżeweġ mal-attriċi;
- Dok AB 5[43] fotokopja ta' traduzzjoni ta' ċertifikat ta' divorzju bid-data 14/02/2018. Meta eżebiet dan id-dokument l-attriċi żiedet tgħid quddiem l-Assistent Ġudizzjarju li d-divorzju inkiseb mingħajr il-kunsens tagħha. (vide seduta quddiem l-Assistent Ġudizzjarju 09/03/2020)
- Dok AB 6[44] fotokopja ta' ittra maħruġa mill-*Kummissjoni Ejjew Għandi* datata 13 ta' Novembru, 2018, miktuba minn [redacted] Programme Facilitator *f'Dar Qalb ta' Ġesu*. F'din l-ittra l-istess

[39] Fo 168
[40] Fol 169
[41] Fol 170
[42] Fol 172
[43] Fol 173
[44] Fol 174

Facilitator kitbet li l-attriċi u ulieda kienu ilhom jgħixu *f'Dar Qalb ta' Ġesu* mis-26 ta' April, 2016 u dan wara li għamlu sena jgħixu fix-xelter ta' emerġenza *Dar Merħba Bik*. Fl-ittra [redacted] tgħid li l-attriċi hija "*the sole care giver of all 5 children and has never received any child support from her husband who happens to be the father, it has been decided that upon her completion of the 18 months programme further support would be given. Thus we are still assiting her through semi-residential support.*"

- Dok AB 7[45] fotokopja ta' artiklu minn maltatoday.com li l-attriċi tgħid juri l-atteġjament tal-intimat waqt li kien qiegħed fiċ-ċentru ta' detenzjoni;

In oltre L-attriċi eżebiet s-segwenti dokumenti mal-Affidavit ulterjuri tagħha (Dok PR1):

- Dok 1[46]- fotokopja ta' release letter tal-Avukati *Sciberras Associates Advocates*;
- Dok 2[47] - fotokopja tal-kwerela mibgħuta mill-attriċi datata 11 ta' Awwissu, 2021 kontra l-konvenut fejn l-attriċi tilmenta li l-konvenut kwerelat qatt ma ħallas il-manteniment dovut ai termini tad-digriet ta' din il-Qorti datat 11 ta' Lulju, 2018 ;
- Dok 3[48] - fotokopja ta' ittra maħruġa mill-*Kummissjoni Ejjew Għandi* datata 8 ta' Jannar, 2019 mibgħuta minn [redacted] *Programme Manager f'Dar Qalb ta' Ġesu*. F'din l-ittra [redacted] tgħid li l-attriċi u ulieda esperjenzaw vjolenza domestika u abbażi ta' estensjonijient li ġew mogħtija lill-attriċi u uliedha huma baqgħu jirrisjedu hemm sa Diċembru,

[45] Fol 175
[46] Fol 234
[47] Fol 235
[48] Fol 236

2018. "*Throughout her stay Ms A D continued to work as a full-time teacher, applied and was given Maltese citizenship for her and her five children and has legally separated from her husband. Unfortunately, it has now become very difficult to keep extending her stay and we no longer afford to do so. Thus, she will need to move on. In knowing her finanacial limitations in her situation i.e. of raising 5 children who depend solely on her, there is no way she can make it on her own without the help of the Housing Authority. Ms A D has always been very hardworking and determined to keep moving forward for the benefit of her children and it would be a pity to deny her the support she needs to finally settle down and find stability for herself and her children...*"

- Dok 4[49] - fotokopja ta' ittra maħruġa mill-Awtorita` tad-Djar datata 22 ta' Novembru, 2016. Din l-ittra tindika li l-attrċi ma kenitx tikkwalifika għall-post b'kera mingħand l-Awtorita peress li kienet qed tgawdi minn stat ta' Protezzjoni Umanitarja Temporanja;
- Dok 5[50] fotokopja ta' ittra datata 27 ta' Lulju, 2020 maħruġa mill-Awtorita` tad-Djar u indirizzata lill-attriċi fejn ġiet infurmata li tikkwalifika għall-iskema *Equity Sharing;*
- Dok. 6[51] fotokopja tar-rendikont tal-kont bankarju mal-APS f'isem l-attriċi bejn 29/07/2020 sa 30/01/2021, liema rendikont jikkonċerna *drawn down* ta' self bankarju;
- Dok. 7[52] fotokopji ta' rċevuti ta' Dar Qalb ta' Ġesu;
- Dok. 8[53]- fotokopji tad-traduzzjoni u dokumenti rigward iċ-ċertifikat ta' divorżju

[49] Fol 237
[50] Fol 238
[51] Fol 239
[52] Fol 240
[53] Fol 242

Il-Qorti ser tikkowta diretttament minn dan iċ-ċertifkat u dan minħabba dak li tgħid l-attriċi fl-Affidavit ulterjuri tagħha. Qabel xejn pero il-Qorti tagħmel referenza għas-segwenti:

-Skont dan id-dokument il-File Number ta' dan id-divorzju hu: 1562820;

- Reġistrat " at the Civilian Affairs Record By number 140 in 17/02/2018;

- Data: 14/02/2018 quddiem [redacted] the Mazoun of Althany Ashar, affiliated to Tanta first court for personal affairs self-guardians

-Dehru bħala xhieda [redacted] li skont dak li jirriżulta minn dan id-dokument, xogħolu huwa ta' legal affairs; kif ukoll ċertu [redacted], indikat fid-dokument bħala Avukat;

-Preżenti għad-divorzju: *First Mr* [redacted] *by guardian* [redacted] *with power of attorney no 853/d/2018 Tanta Authentication;*

*Second: Mrs* [redacted] *did not attend the holding …. "*

- *Data Concerning Divorce: thee guardian of the mentioned husband attended and refused judgment and they insisted on divorce and he said that his guardian divorced his wife yesterday and he attended by himself to authenticate it, the husband guardian ,* ***my client wife the absent from the convene, A B C D got divorced first divorce.***

  ***The demand admitted that this is the first divorce so Mrs A B C D is divorced from Mr. E C F revocable first divorce after consummating marriage with her and he has the right to regain her without her permission and against her desire. According to what was mentioned this certificate was issued from original copy and three copies were delivered to the divorced husband, second to the divorced wife and third kept at Personal affairs civil registry in Cairo and fourth at Main office in Cairo. The original copy was kept at the office.***

- Għal kull buon fini l-Qorti tinnota li skont din il-fotokopja tat-traduzzjoni ta' dan id-divorzju, ħdejn il-firem għar-raġel jidher li deher [redacted]; ħdejn Divorced Wife hemm indikat 'absent', u bħala xhieda hemm l-isem bil-miktub ta' [redacted] u [redacted]

Hawnhekk il-Qorti ser tgħaddi biex teżmina il-punti saljenti li joħorġu mill-Affidavits u Dokumenti tal-attriċi, li l-Qorti għadha kif elenkat.

L-affidavits tal-attriċi jkopru l-perjodu bejn is-snin 1993 u 2022. Mid-dokumenti eżebiti mill-attriċi jidher li l-partijiet iżżewġu fl-10 ta' Mejju 1993. Matul dan il-perjodu il-partijiet kellhom sebat itfal. Illum erbgħa minnhom għadhom minorenni.

Fl-affidavits tagħha l-attriċi tispjega kif il-partijiet iltaqgħu fl-1992 ġewwa l-Eġittu meta kienet għadha studenta filwaqt li l-konvenut kien diġa` beda jaħdem bħala Chef u jsiefer ġewwa Saudia Arabia fuq xogħol. Skontha l-konvenut qal lil ommha li ried izewwiġha u ommha aċċettat. L-Attriċi tgħid li kienet għada żgħira u minn dak li tirrakkonta tagħti l-idea li l-arranġamenti saru mill-familjari tagħhom u mal-konvenut sal-punt li meta ġiet tiltaqa' mal-konvenut hawn Malta ġiet flimkien m'ommu. Tgħid li l-konvenut qalilha li qed jieħu ħsieb kollox u b'hekk lanqas ma kienet taf jekk ir-residenza tagħha hawn Malta kenitx waħda regolari jew le. F'Malta kienu qegħdin joqgħodu ġo lukanda u dik l-istess ġimgħa li wasslet f'Malta bdiet taħdem hemm bħala cleaner ġo l-istess lukanda fejn kienet qed tirrisjedi. Ħarġet tqila bl-ewwel tarbija, baqgħet taħdem u meta ġiet biex twelled il-konvenut ma tahiex id-dokumenti tagħha biex tmur l-Isptar hawn Malta iżda minflok xtralha biljett biex tmur twelled l-Eġittu. Weldet fil-11 ta'Marzu, 1994, damet xi

xahar hemmhekk u reġgħet niżżlet hawn Malta. Hemm marru jgħixu l-Mosta u skontha minn hemm beda s-swat. Meta ġiet biex twelled it-tieni wild ([redacted]) il-konvenut ried li twelled l-Eġittu. Marret hemm weldet fis-6 t'Ottubru, 1997, baqgħet hemm għal xahar. Din id-darba qabel ma ġiet lura Malta il-partijiet iltaqgħu l-Libja, iżda miegħu fil-lukanda kien hemm ukoll waħda jisimha [redacted].

*"Jiena meta rajtha hemm għaraftha mill-ewwel peress li hija kienet taħdem miegħi u ma' E ġewwa restaurant Bugibba jismu Vince Restaurant. Jien staqsejt lil E x'inhi tagħmel dik il-mara hemm, u huwa qalli li hija nzertat ġiet miegħu bid-dgħajsa magħha biex tixtri xi affarijiet peress li l-affarijiet fil-Libja huma rħas.* ***Wara ħafna snin, ftit qabel ma ftaħt is-separazzjoni, skoprejt li E kien iżżewweġ lil din il-mara u li anke ħadet l-annullament."***

*Jiena ġejt lura Malta bil-vapur legalment, din id-darba flimkien ma' E, iż-żewġ uliedi [redacted] u t-tarbija [redacted], kif ukoll ommu [redacted] u ħuh il-kbir [redacted]. [redacted] kienet magħna fuq il-vapur u baqgħet ġejja magħna fil-post tal-Mosta. Jien mill-ewwel staqsejt lil E għaliex bdiet tgħix magħna u huwa qalli biex tgħini ftit peress li kont għadni kif wellidt lil [redacted] u kelli lil [redacted] għadha żgħira. ..*

*E kien jobbligani nmur għand [redacted] d-dar tagħha biex nieklu... Darba niftakar kont rajtu jgħannaqha u huwa kien immbutagħha; kien anke daħal fil-kamra tas-sodda tagħha waqt li jien kont inkun fil-kċina naħsel il-platti... Għalija l-kliem tiegħu kienu qisu l-Koran, nemmen dak kollu li jgħidli. Illum il-ġurnata li kbirt u mmaturajt nista' nifhem li dak iż-żmien huwa kien qed jaqlibili ma' mara oħra.*[54]

[54] Fol 115

Fl-Affidavit taħgha l-attriċi tkompli tirrakkonta episodju wara l-ieħor ta' aġir aggressiv u vjolenti tal-konvenut. Tgħid li darba kien keċċiha 'l barra bit-tfal wara argument li kellhom, hemmhekk sabet post żgħir għaliha u għat-tfal, iżda tkompli tgħid li wara ftit mar jitlob skuża u sabiex terġa' tmur lura tgħix miegħu. Marret lura fis-sena 2000 u mill-ewwel reġgħet ħarġet tqila. Tispjega kif ta' spiss kien ikollhom jitilqu mill-post li jkunu qegħdin jikru għaliex l-konvenut kien ikollu xi jgħid mas-sid.
Għal din it-tielet tqala l-konvenut ma ġiegħlhiex tmur twelled l-Eġittu u weldet hawn Malta, tgħid pero` li nonostante li t-tabib qalilha biex tibqa' l-isptar għal ftit ġranet biex tirkurpra, l-konvenut m'aċċettax.

Tkompli tgħid li l-kunfidenzi bin-nisa żdiedu kif żdiedu l-argumenti bejniethom. Fl-2006 l-attriċi reġgħet ħarget tqila u din id-darba reġgħet marret l-Eġittu biex twelled. Din id-darba l-attriċi ma tagħtix raġuni għalfejn weldet hemm. It-tarbija twieldet fl-2007 u marret toqħgod mal-familjari tagħha u tgħid li nfurmathom li hi xtaqet tissepara minnu. Tgħid li l-konvenut dam xi sena qabel ma tela' ħdejhom l-Eġittu:

*"Xi sena wara li wellidt lit-tifla, E niżel l-Eġittu u qalli li ħa jibqa' magħna l-Eġittu u mhux sejra lura Malta. Qal li l-familjari tiegħi biex ma jindaħlux u li jekk jindaħlu kien se joqtolhom. Qabadni minn xagħri, ħariġna l-barra u ħadni f'post il-bod mill-familjari.*

*E kien jinsisti li jkollu x'jaqsam miegħi anki minn wara, ...erġajt inqbadt tqila, u meta kelli xahrejn tqala, E beda jinsisti miegħi sabiex ikollu x'jaqsam miegħi sesswalment minn wara, u jien bdejt nirrifjuta minħabba li skont ir-reliġjon tagħna dak huwa dnub. Huwa jinfexx joffendini kemm jiflah u anki sawwatni għax bdejt nirreżisiti, u mal-ħin bdejt nara ħafna*

*demm. Jien mort l-Isptar b'taxi waħdi għax huwa beda jinsisti li m'għandux x'jaqsam miegħi għax m'aċċettajtx. Kif wasalt l-Isptar it-tobba nfurmawni li tlift it-tarbija "* [55]

Tgħid li fl-2009 weldet lil [redacted] l-Eġittu, u fl-2011 weldet lil [redacted] Tgħid li wara ftit l-konvenut reġa' niżel waħdu Malta filwaqt li halliha hemm mat-tfal. Tgħid li ma semgħet xejn mingħandu għal diversi snin u hi kompliet trabbi lit-tfal waħedha u li kellha toħroġ taħdem biex titma lit-tfal. Tirrakonta episodju fejn tgħid li sabet lil xi ħadd fil-kamra tagħha jipprova jisraqha waqt li kienet rieqda u minħabba f'hekk:

"*wara dan l-inċident jien iddeċidejt* ***illi nbiegħ id-deheb kollu***[56] *u qbadt it-tfal kollha u tlaqt lejn l-Ambaxxata ta' Malta ġewwa l-Kajru biex jgħinuni nsiefer ġewwa Malta...*

*.... Ftit qabel ma tlaqt mill-Eġittu jien kont ċempilt lil E u għedtlu bl-inċidenti kollha li ġrawli bit-tfal u huwa minflok kien qalli li ma jista' jagħmel xejn. Jien staqsejtu fejn qed jaħdem u fejn qed joqgħod f'Malta u E qalli li kien qed jaħdem Bognor Bar & Restaurant , Bugibba"*[57]

L-attriċi tgħid li ġiet lura hawn Malta fl-2012 u marret toqgħod ġewwa Buġibba. Tirrakkonta li kif ġiet lura Malta l-konvenut kien vjolenti magħha "*waddabni mal-ħajt ħabbatli rasi mal-ħajt quddiem it-tfal kollha. Il-ħajt intella kollu demm, u ma bdejtx nara minn għajnejja xellugija. Waqt li kont mal-art bdejt nisma' t-tfal iwerżqu bil-biża' u jibku....*

*... E qabad il-kotba tat-tfal u qattagħhom kollha u insista li ħadd ma jmur l-iskola"*

[55] Fol116
[56] Fol 117
[57] Fol 117

Marret il-klinik tal-Mosta iżda bil-biża' qalet li kienet waqgħet mit-taraġ kif kien qalilha l-konvenut biex tgħid.

Tgħid li minn dak l-episodju hemmhekk marret tieħu parir legali għas-separazzjoni, u li l-konvenut induna li ħadet dan il-pass. Tkompli billi tirrakkonta li dak iż-żmien hu kien qed jikri gabbana u kienet tqum fis-sigħat bikrin ta' filgħodu biex tmur tgħinu. Tirrakonta kif anki quddiem il-klijenti kien jitrattaha ħazin u jkellimha bi kliem dispreġattiv. Tkompli li darba minnhom semgħetu jkellem lit-tifel t'oħtu '[redacted] ***biex jirranġalu għad-divorzju minn miegħi mingħajr il-kunsens tiegħi."***[58]

Tgħid li minħabba f'hekk marret tgħix f'post ieħor Raħal il-Ġdid mat-tfal kollha ħlief [redacted] li ħallietu mal-konvenut, u skontha kif sar jaf li telqet kitbilha messaġġ li kien jgħid hekk: " '*inti mhux se jirnexxilek tkompli b'ħajtek għax pregnant'. Jien ma stajtx nifhem kif huwa jaf li jien pregnant u jien ma nafx...*" Għamlet it-test u kien pożittiv. Ippruvat tkompli tgħix mingħajru sakemm tgħid li darba waqt li kienet sejra x-xogħol segwiha:

*"...jiġibidni minn xagħari, daħħalni fil-karozza b'daqqa ta' sieq u sakkar il-karozza. Huwa daħal fiha u qabad isuq: filwaqt li jien bdejt nwerżaq u ngħajjat kemm niflaħ biex iħallini nitlaq u li ħa ngħid lil pulizija. Jien irnexxili niftaħ il-karozza u waqt li kien qed isuq, qbist minnha u tlaqt niġri ġewwa l-Moskea."*

[58] Fol 118

Il-kumplament tal-Affidavit tal-attriċi huwa kkulurit b'eżempji ta' episodji ta' vjolenza domestika inkluż swat, theddid u vjolenza sesswali u skont l-attriċi, l-konvenut anki spiċċa l-ħabs għall-habta tal-2014 fuq inċident ta' serq fejn kien jaħdem.

***"Is-sitwazzjoni baqgħet l-istess, jittrattani ħażin, jgħajjarni, ma jatinix flus għalkemm kien qed jaħdem u anki jsawwatni. Dan kien kważi dejjem isir quddiem it-tfal u minħabba fih kont noqgħod kwieta u ma nirraportax."***[59]

L-attriċi tirrakkonta wkoll l-episodju li seħħ f'Awwissu 2015 ftit wara li kellha operazzjoni f'saqajha u l-konvenut fetħilha l-punti bis-swat li qalgħet mingħandu. Din id-darba rrappurtatu u minn hemm il-pulizija ħadu l-passi kontrih u minn hemm daħħlet fix-xelter *Dar Merħa Bik* flimkien ma' uliedha. L-attriċi tagħti r-raġunijiet tagħha għalfejn finanzjarjament ma kenitx f'posizzjoni li tibda kawża ta' separazzjoni wara l-għeluq tad-diversi medjazzjonijiet li tgħid li fetħet.

Il-Qorti rat id-diversi dokumenti eżebiti mill-attriċi u li ġew elenkati fil-paragrafi preċedenti fosthom: is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 11 ta' Mejju 2016 li jinsab a fol 170; fotokopja ta' ċertifikat ta' żwieġ minn liema ċertifikat jidher li l-konvenut reġa' daħal fi żwieġ ieħor ma' ċerta [redacted] fis-16 ta' April, 1997, u għalhekk meta kien għadu miżżwewwġ mal-attriċi.
Huwa minnu li l-fotokopji taċ-ċertifikati tal-isptar ma tantx huma leġibbli, iżda minn naħa l-oħra l-fotokopji tad-dokumenti l-oħrajn bħal per eżempju l-ittri tal-ħaddiema tax-xelters li kienu qegħdin joffru sostenn

[59] Fol 120

lill-attriċi u lill-ulieda huma ċari u ma jħallux dubju li l-attriċi kellha bżonn is-sostenn tagħhom kemm għaliha u għall-ulieda. Dawn l-istess ittri jikkonfermaw ukoll l-fatt li kienet l-attriċi li waħedha kienet qed trabbi u tgħajjex lill ħames ulieda. Il-Qorti tinnota li nonostante li dawn huma fotokopji, dawn ma ġewx kontradetti.

Issir referenza għal xi punti oħrajn li l-attriċi ssemmi fl-Affidavit tagħha: - li kienu faddlu xi tmint elef Ewro €8000, u l-aħħar li rat dawn il-flus u xi deheb li kienet xtrat mill-Eġittu, fl-20 ta' Lulju, 2015. *" qalli li ħadhom għax kellu bżonnhom u insista miegħi biex ninsihom."*[60]

Tgħid ukoll li fl-2014 kienet xtrat Ford Ka bil-kulur aħmar iżda bi sforz tal-iswat u theddid ffrimatlu l-log book: " *huwa beda anke jheddidni u jsawwatni li jekk ma nagħmilx hekk ħa jagħmel minn kollox biex iġib is-subien kontra tiegħi."*[61]

Fl-Affidavit l-attriċi tkompli tixhed li għamel perjodu maħrub minn Malta, iżda meta kien jiġi lura xorta kien jkompli jsegwiha, jagħtiha fastidju u jheddidha, anki fil-presenza tat-tfal "***huwa kien kull darba jwerwer it-tfal u nispiċċaw kulħadd jiġri u jwerżaq għall-għajjut."***[62] Tirrakkonta kif anki fix-xelter pprova jagħtiha fastidju u dan tant li l-ħaddiema tax-xelter kellhom iċemplu lil pulizija għall-għajnuna. L-attriċi eżebiet ir-rapport tal-pulizija fuq dan l-inċident.[63]

Tixhed li wara li ngħatat iċ-ċittadinanza Maltija marret tirreġistra ż-żwieġ tagħha hawn Malta u hemm saret taf li l-konvenut kien iżżewweġ żewġ

[60] Fol 120 tal-proċess
[61] Fol 120 tal-proċess
[62] Fol 121 tal-proċess
[63] Dok D Fol 53

nisa oħra l-Eġittu mingħar ma kien qalilha xejn u li skontha waħda minnhom jisimha [redacted] u li kien spiċċa l-ħabs wara li sawwatha u korriet minħabba fih.

L-attriċi tgħid ukoll li l-konvenut kien spiċċa d-detention centre u dan saret tafu għaliex kien wieħed minn għaxra li qalgħu rewwixta fiċ-ċentru u tressqu quddiem il-Qorti Kriminali u minn hemm iddeċidiet li tmexxi bil-kawża għas-separazzjoni.

Fl-Affidavit tagħha tispjega għalfejn tħoss li għandha tiġi fdata bil-kura u kustodja esklussiva tat-tfal u li filwaqt li ma toġġezzjonax għall-aċċess kemm-il darba l-ewwel isir assement idoneju minħabba t-trawmi diversi u kontinwi li għaddew minnhom it-tfal.

Fuq Manteniment għat-tfal tgħid li qatt ma ħallas xejn nonostante d-digrieti tal-Qorti:
*"Il-missier qatt ma ħa interess jara għandiex bżonn xi ħaġa jew jagħtini xi flus tramite Ashraf, li hu l-uniku wild li żamm kuntatt ma' missieru ...*
*... E kapaċi jaħdem. Huwa dejjem ħadem bħala chef iżda dejjem jiġi mkeċċi- darba għax- seraq (spiċċa l-ħabs f'din) u drabi oħra għax kellu xi jgħid man-nies*". Tispjega għalfejn tħoss li hu għandu jgħaddi manteniment għall-uliedu minn Awwissu 2015 u ċioe minn meta daħħlet fix-xelter. "***<u>Kieku ma ħriġtx naħdem jien u ma kelliex l-għajnuna tax-xelter – jien ili jinn dakinhar homeless b'ħamest itfal."</u>***

L-attriċi tikkonferma li hija taħdem u taqla paga ta' €1000 kull erba ġimgħat. Issostni li għandha dritt titlob manteniment għaliha mingħandu peress li l-konvenut huwa ħati tat-tifrik taż-żwieġ tagħhom.

Tgħid li m'għadx hemm dar matrimonajli, u fir-rigward tal-komunjoni tal-akkwisti terġa tirrferi għat-tmint elef Euro (€8000) u d-deheb li personali tagħha li kienet xtrat mill-Eġittu (*zewġt iċrieket, bracelet, żewġ ġiżirajjen u erbat iċpipet)*[64] li tgħid li kienu ilhom għandha xi 15-il sena, u għalhekk minn ċirca s-sena, 2003. L-attriċi ssostni li l-konvenut kien ammetta magħha li kien ħadhomlha.

Tgħid li ma tafx jekk għandux kontijiet il-bank u/jew investimenti. Skont l-attriċi l-karozza *Ford Ka* kienet xtratha għal xi tlett elef Ewro – ħallsitha bi pagamenti mensili u kif ħallsitha kollha l-konvenut kien ħadielha u b'hekk trid nofs il-valur. Tikkonkludi biex tgħid li assi parafernali hi qatt ma kellha.

B'referenza għall-affidavit ulterjuri [65]tagħha, l-attriċi tgħid li l-konvenut qatt ma ħallas il-manteniment għall-uliedu li ġie ordnat li jħallas minn din il-Qorti, u tispjega li l-posizzjoni tal-konvenut dak iż-żmien li ħareġ id-digriet kienu ferm differenti mill-lum peress li dak iż-żmien il-konvenut kien miżmum fid-detention centre u ma setax jaħdem. Tgħid ukoll li minn dak iż-żmien 'l hawn hi u t-tfal kellhom joħorġu mid-dar *Qalb ta' Ġesu*` u għal dan il-għan eżebiet ittra miktuba mill-Project Manager [redacted]. Tispjega kif f'April tas-sena 2021 hi u ulieda daħħlu jgħixu ġo post li xtrat permezz tal-Equity Sharing fejn issa kull xahar qed tħallas il-pagamenti mensili tas-self – fejn eżebiet dokumenti tal-istess self. Tgħid:

*" F'dan iż-żmien kollu b'sagrifiċċju kbir ħallast kull spiża ta' ikel, kontijiet tad-dawl, ħwejjeġ, mediċinali u ta' l-edukazzjoni.* ***Ninsab iddisprata li qed nerfa' il-piż finanzjarju tat-trobbija tat-tfal kollu kemm hu waħdi."***

---

[64] Fol 124 tal-proċess

[65] Dok PR 1 a fol 232

Provi konvenut

Illi jsir referenza għall-verbal tas-27 t'Ottubru, 2022 fejn dakinhar il-Qorti ġiet infurmata mill-Assistent Ġudizzjarju li l-konvenut mhux qed iressaq provi u li lanqas ma kien qed jidher għas-seduti. F'dak il-verbal jirriżulta li l-Qorti rat ukoll li dakinhar il-konvenut lanqas ma deher għas-seduta, u konsegwentement il-Qorti ddikjarat il-provi tal-konvenut magħluqa. Iktar tard kien deher l-Avukat tal-konvenut, li ha konjizzjoni tal-verbal u dan hekk kif jirriżulta mill-verbal stess. Xahar wara l-konvenut ippreżenta rikors b'talba sabiex il-Qorti tirrevoka d-digriet tagħha u tħallieh iressaq il-provi tiegħu pero` il-Qorti ċaħdet it-talba tal-konvenut abbażi ta' wħud mir-raġunijiet indikati fir-risposta tal-attriċi.

Hawnhekk isir referenza għan-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut, liema nota tinsab a fol 184 sa fol 185, u ma' liema nota l-konvenut azzarda li jippreżenta dokumenti li jinsabu a fol 186 sa 194 meta kien jaf ben tajjeb li l-Qorti ddikjarat il-provi tiegħu magħluqa. Il-Qorti qed tagħmilha ċara li dawn id-dokumnenti qegħdin jiġu sfilzati flimkien mas-seba (7) u tmien (8) pargrafu tan-nota ta' sottmossjonojiet tiegħu[66] peress li dawn qatt ma messhom ġew eżebiti u ġew eżebiti b'disprezz lejn din l-Qorti.

Rapporti tal-Avukati tat-Tfal

[66] A fol 185

Il-Qorti rat ir-rapporti taż-żewġ Avukati tat-Tfal li ġew nominati f'din il-kawża.

*Ai termini* tad-digriet datat 13 ta' Marzu, 2019, ġiet nominata Dr Mary Muscat u dan sabiex tisma' lill-minuri u tirrelata fuq it-talba tal-konvenut għal aċċess għall-uliedu. Fir-rapport tagħha l-Avukat tat-Tfal tispjega li kienet laħqet tkellemt lil omm il-minuri biss meta sadanittant ġiet infurmata minn Safi Detention Centre permezz ta' email li rċeviet mingħand [redacted], uffiċjal tad-detenzjoni, li l-konvenut ġie deportat minn Malta fl-10 ta' April. Fir-rapport tagħha l-Avukat tat-Tfal tgħid li din l-informazzjoni kienet ukoll ġiet mgħoddija lir-rappreżentanti legali tal-partijiet.

Abbażi tal-iżvilupp li l-Avukat tat-Tfal saret taf bih, hija ssugerixxiet sabiex il-Qorti tikkunsidra l-possibilita`: *"li titneħħa l-awtorita paternali ta' missier it-tfal 'minħabba in-nuqqas serju li wasslu għad-deportazzjoni mill-pajjiż*"[67]. Wara li rat l-atti u r-rapport tal-Avukat tat-Tfal, permezz ta' digriet tal-29 ta' April, 2019,[68] il-Qorti ċaħdet it-talba tal-konvenut u ordnat t-tneħħija mill-awtorita` paternali tal-konvenut.

Fis-17 ta' Settembru, 2022 l-konvenut reġa' talab li jingħata aċċess għall-uliedu minuri. Hawnhekk wara li l-Qorti rat ir-rikors u r-risposta reġgħet innominat Avukat tat-Tfal. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rapport tal-Avukat tat-Tfal Dr Tatienne Scicluna Cassar, liema rapport ġie ppreżentat fl-14 ta' Novembru, 2022[69].

[67] Fol 141
[68] Fol 142
[69] Fo 131

L-Avukat tat-tfal tkellmet mal-erba' minuri [redacted], [redacted], [redacted] u [redacted] u wara li ħadet konjizzjoni tal-atti kollha li ġew ippreżentati quddiem il-Qorti, l-Avukat tat-Tfal irrakkomandat li peress li t-tfal kienu deċiżi ħafna li ma jridux jaraw lil missierhom rrakkomandat li t-talba tal-konvenut għall-aċċess kellha tiġi miċħuda u dan anki minħabba l-fatt: "*li jidher li minn dak li stqarrew il-minuri, li aktar jista' jkun ta' ħsara milli ġid li l-minuri jaraw lil missierhom*."

Hawnhekk il-Qorti ser tirrferei għas-segwenti partijiet tar-rapport tal-Avukat tat-Tfal fejn ġie rrappurtat dan li ġej:
Isra: "*f'dawn is-snin, hu qatt ma kkuntatjahom... tiftakar lil kemm missierha kien vjolenti m'ommha"* u *"ma tridx assolutament titltaqa' ma' persuna li kien vjolenti m'ommha u li weġġa lil ommha*";

[redacted]: "*qatt ma tiftakar mumenti sbieħ ta' meta l-ġenituri tagħha kienu flimkien. Dan peress li missierha kien vjolenti m'ommmha u magħhom u kien anki vjolenti magħhom bil-kliem"* Il-minuri qalet lil Avukat tat-Tfal: "*Lanqas ma rridx nara wiċċu, lanqas ikun hemm min ikun hemm miegħu jew magħna waqt l-aċċess!"*

A: *"bħal ħutha il-minuri* [redacted] *stqarriet li ma tridx tara lil missierha lanqas b'aċċess supervizzat*"

[redacted]: "*qaltli li tiftakar meta darba ommha kienet qed tuża 'stand' biex timxi u demm beda hiereg minn wiċċha. Dan għaliex, skont il-minuri, missierha kien weġġa lil ommha kemm b'idejh u anki b'xi ħadida.... tenniet li ma tridx tara lil missierha lanqas b'aċċess supervizzat."*

**<u>IL-PROVI MIĠBURA QUDDIEM IL-QORTI</u>**

Il-Qorti tirrileva li jirriżulta l-partijiet żżewġu nhar l-10 ta’ Mejju, 1993 ġewwa l-Eġittu[70], u frott ta’ dan iż-żwieġ twieldu sebat itfal u ċioe [redacted] li twieldet fil-11 ta’ Marzu, 1994, [redacted] li twieled fis-6 ta’ Ottubru, 1997, [redacted] li twieled fit-18 ta’ Settembru, 2001, [redacted] li twieldet fit- 2 ta’ Awwissu, 2007, [redacted] li twieldet fis-27 ta’ Marzu, 2009, [redacted] li twieldet fl-14 ta’ Ottubru, 2011 u [redacted] li twieldet fit-22 ta’ Settembru, 2013[71].

Illi l-Qorti għandha biss il-verżjoni mogħtija mill-attriċi u d-dokumenti eżebiti minnha li huma kollha fotokopji, nonostante dan pero` l-Qorti tinnota li dawn ma ġewx kontradetti. L-attriċi ma ressqet l-ebda xhieda u għar-raġunijiet ġja indikati l-istadju tal-provi tal-konvenut ġew iddikjarati magħluqin għar-raġunijet imsemmija aktar ‘l fuq f’dan l-ġudikat. Minn naħa tal-konvenut il-Qorti rat ir-rikorsi tiegħu kif ukoll ir-risposti li ppreżenta flimkien mad-dokumenti li ġew eżebiti mal-istess.

Il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għall-azzjoni kif proposta mill-attriċi.

## DWAR IT-TALBA GĦAS-SEPARAZZJONI PERSONALI

Hawnhekk il-Qorti ser tibda billi tagħmel referenza għall-artikoli relevanti tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta fuq *il-Firda Personali* u għalhekk b’referenza għall-artikoli 35 sa 66 tal-Kodiċi Ċivili. Dan għaliex l-artikoli in kwistjoni jitkellmu fuq ‘ il-**miżżewġin’** u ‘il-**konjuġi**’ kif ukoll l-effetti u r-ramifikazzjonijiet ta’ din l-azzjoni fuq il-miżżewġin;

[70] Fol 8
[71] Ara ċertifikati tat-twelid eżebiti mar-rirkors promotur.

Fl-artikolu 35 tal-Kodiċii Ċivili nsibu li:

*35.(1) Bil-firda personali, mogħtija b'sentenza, jew li għaliha ingħata s-setgħa b'digriet tal-qorti ċivili kompetenti, jispiċċa, għall-effetti kollha ċivili, l-obbligu ta' bejniethom li jgħixu fiimkien.*
*(2) Il-firda mogħtija minn kull qorti oħra ma ġġibx effetti ċivili.*
*(3) Il-qorti għandha, fid-digriet jew fis-sentenza ta' separazzjoni personali, tindika b'mod ċar in-numru progressiv tar-reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ, u n-numru ta' identifikazzjoni tal-partijiet, u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati biex jinnotifika s-separazzjoni personali bejn il-partijiet lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fiż-żmien stabbilit għal dan il-għan mill-istess qorti, sabiex id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jirreġistra dik is-separazzjoni personali.*

Fl-artikolu 36 inisbu li:
*36.**Il-firda personali ma tistax issir ħlief b'talba ta' waħda mill-persuni miżżewġa flimkien kontra l-oħra**, u għal xi waħda mir-raġunijiet miġjubin fl-artikoli li ġejjin, jew bil-kunsens ta' xulxin, kif hemm fl-artikolu 59.*

Hawnhekk il-Qorti ser tiffoka fuq dik il-parti tal-affidavit ulterjuri tal-attriċi li jinsab a fol 231 sa fol 233 kif ukoll għad-dokumenti li ġew eżebiti mal-istess affidavit, fejn l-istess attriċi tagħmel referenza għal fatt li illum hija mara divorzjata iżda l-attriċi tkompli fl-affidavit tagħha, li għandha interess li tipproċedi bil-kawża ta' separazzjoni. Fil-parti tal-Affidavit tagħha intestata : *Dwar L-Interess Li Nipproċedi Bil-Kawża ta' Separazzjoni*, l-attriċi tgħid hekk:

***Filwaqt li fl-14 ta' Frar 2018* *ġie ippronunzjat d-divorzju bejni u l-intimat fil-Kajr l-Eġittu (anness u immarkat bħala Dok. 8) u dan mingħajr il-preżenza tiegħi u mingħajr il-kunsens tiegħi u mingħajr ma kont infurmata b'dawn il-proċeduri, meta ġejt infurmata b'dan id-divorzju irreġistrajtu fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta.*** *F'dan id-divorzju ma hemm l-ebda pronunzja għar-rigward tal-kura u l-kustodja tat-tfal u lanqas ma hemm indikat jekk għandux jitħallas manteniment. Minħabba li ma kontx parteċepi fl-ebda stadju tal-proċeduri ta' divorzju il-għaliex skont il-Liġi Eġizzjana raġel jista' jmexxi dawn il-proċeduri mingħajr il-bżonn tar-rappreżentanza tal-mara, nitlob lil Qorti sabiex il-proċeduri ta' separazzjoni jitkomplu sabiex dawn il-kwistjonijiet ta' kura u kustodja kif ukoll manteniment ikunu irregolati permezz ta' sentenza tal-Qorti Maltija. Nixtieq intenni t-talba tiegħi li l-proċeduri odjerni ta' separazzjoni f'Malta jipproċedu u li fis-sentenza finali ningħata manteniment adegwat skont iċ-ċirkostanzi tal-lum kif inhuma elenkati f'dan l-affidavit."*

Il-Qorti tosserva li:

1) Għandha dikjarazzjoni mingħand l-attriċi fejn permezz tal-Affidavit tagħha iddikjarat li hija divorzjata u in sostenn ta' dan ppreżentat fotokopja tat-traduzzjoni tad-divorzju b'fotokopja taċ-ċertifikat tal-*Apostille*;
2) L-attriċi tiddikjara wkoll li meta saret taf bid-divorzju marret tirreġistra l-istess fir-Reġistru Pubbliku hawn Malta;
3) Jirriżulta wkoll li fl-ewwel affidavit li ppreżentat, l-attriċi tgħid hekk: "*ftit ġranet wara smajt lil E il-flat, mingħajr ma nduna li kont qedha hemm peress li hu mingħalih li qedha il-gabbana, ikellem lit-tifel t'oħtu Mahmod biex jirranġalu għad-divorzju minn miegħi mingħajr il-kunsens*

*tiegħi. Jien erġajt lura l-gabbana qisni ma smajt xejn u ma kontx hemm....”*

4) Id-data taċ-ċertifikat tal-Apostille, hija l-14 ta’ Marzu 2018, u għalhekk kien hemm ftit ġranet biss bejn id-data li l-attriċi ppreżentat il-kawża odjerna u d-data li kellha f’idejha dan id-dokuement. In oltre` filwaqt li fl-Affidavit tagħha l-attriċi tgħid li rreġistrat dan id-divorzju fir-Reġstru Pubbliku hawn Malta, il-Qorti tinnota li ma ressqet l-ebda prova dwar dan.

Il-Qorti mhijex ser toqgħod tispekula għalfejn l-attriċi għażlet biex ma tressaq l-ebda provi in konnesjoni ma’ din ir-reġistrazzjoni tad-divorzju tagħha. Jirriżulta pero` li hi stess qed tiddikjara li rreġistrat dan id-divorzju hawn Malta fir-Reġistru Pubbliku, u l-Qorti għalhekk tifhem li ladarba għamlet hekk riedet tikkonsolida dak l-istatus ċivili tagħha għall-finjiet tal-effetti tal-Liġi hawn Malta. B’hekk l-attriċi ma tistax titqies bħala mara miżżewġa u lanqas ma jistgħu il-partijiet jitqiesu bħala konjuġi ladarba hemm id-divorzju bejn il-partijiet u għalhekk iż-żwieġ tagħhom ġie maħlul.

Fid-dawl ta’ dan, isegwi li t-talbiet fuq tort, responsabilita`, manteniment għall-partijiet u l-applikazzjonijiet tas-sanzjonijiet kontemplati fid-dispozizzjonijiet tal-artikoli 48, u 51 sa 55 tal-Kodiċi Ċivili huma kollha inapplikabbli minħabba li dan il-mertu ġie eżawrit ladarba l-partijiet mhumiex miżżewġin u konsegwentement huma inapplikabbli għal każ odjern.

**<u>DWAR IT-TIENI U T-TIELET-TALBA GĦALL-KURA U KUSTODJA FAVUR L-ATTRIĊI U SABIEX L-ISTESS MINURI JIRRISJEDU PRINĊIPALMENT MAL-ISTESS ATTRIĊI</u>**

Il-Qorti tinnota li matul dawn il-proċduri, l-konvenut ppreżenta tlett rikorsi b'talba sabiex ikollu aċċess għat-tfal tiegħu. Il-Qorti nnominat Avukat tat-Tfal darbtejn sabiex b'hekk il-minuri stess ikollhom l-opportunita` li jinstemgħu u jesprimew ix-xewqat tagħhom. L-ewwel Avukat tat-tfal nominata – Dr Mary Muscat rrakkomandat li l-konvenut missier, jitneħħilu l-awtorita` paternali u dan minħabba nuqaasijiet serji li wasslu sabiex huwa ġie deportat minn Malta. Il-Qorti laqgħet din ir-rakkomandazzjoni tal-Avukat tat-tfal u bid-digriet ta' din il-Qorti datat 29 t'April 2019 ġie ordnat it-tneħħija tal-awtorita` paternali tal-konvenut.

Il-Qorti tagħmel referenza għat-tieni rapport tal-Avukat tat-Tfal, din id-darba ta' Dr Tatienne Scicluna Cassar datat 11 ta' Novembru 2022[72] li tkellmet mal-erbat itfal li għadhom minorenni. Diġa` saret referenza għal dan ir-rapport fil-paragrafi preċedenti u l-Qorti ma tridx tirrepeti ruhha iżda jibqa' l-fatt li l-minuri kollha stqarru mal-Avukat tat-tfal li huma jiftakkru lil missierhom bħala bniedem vjolenti kemm fil-konfront t'ommhom u anki fil-konfront tagħhom u li matul dawn l-aħħar seba' snin[73] missieerhom qatt ma ta' kashom. Ħadd minn dawn it-tfal ma ried ikollu aċċess ma' missierhom il-konvenut.

Il-Qorti tinnota wkoll li nonostante li l-konvenut ġie ordnat sabiex iħallas mateniment *pendente lite*, permezz tal-Affidavits tagħha l-attriċi tgħid li l-konvenut qatt ma ħallas xejn għall-bżonnijiet tat-tfal. Issir referenza

[72] Fol 132
[73] Seba` snin mid-data tar-rapport

wkoll għal dik il-parti tax-xhieda tal-attriċi fejn fl-Affidavit tagħha tgħid li hu lanqas ma ried li t-tfal ikomplu jattendu l-iskola, u naturalment il-Qorti tirreferi wkoll għal dak li tgħid l-attriċi, li l-konvenut ta' spiss kien vjolenti magħha quddiem it-tfal.

Il-Qorti tirrileva, li kwsitjonijiet ta' natura daqshekk delikata dwar il-minuri, trid neċessarjament tittieħed fl-aħjar interessi tal-minuri u dan qiegħed jingħad in linea tal-kawża **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[74], **Scicluna Maria Dolores sive Doris vs Scicluna Anthony[75], u Sylvia Melfi vs Philip Vassallo,** [76]liema sentenzi jaffermaw il-prinċipju li l-Qorti għandha tħares biss lejn dak li huwa l-ikbar vantaġġ għall-minuri. Huwa għalhekk irrelevanti dak li jixtiequ l-ġenituri, iżda dak li għandu jiġi determinat b'mod assolut huwa x'inhu bżonnjuż u ta' benefiċċju għall-minuri in kwistjoni. In fatti hawnhekk ġie ritenut li:

***"Il-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika, sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera, u f'dik lokali, hija regolata mill-prinċipju ta' l-aqwa utilita` u l-akbar vantaġġ għall-interess ta' l-istess tfal li ċ-ċirkostanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġerixxu. In konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta il-konjuġi jisseparaw ruhhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment"***

[74] Deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Rik. Nru. 1396/2001)
[75] Deċiża nhar is- 27 ta' Novembru 2003 mill-Qorti Ċivili ( Sezzjoni Familja) Ċit. Nru 1715/2001
[76] Deċiża nhar il-25 ta' Novembru 1998 mill-Qorti tal-Appell

Il-Qorti imbagħad kompliet telabora l-kwistjoni tal-kura u l-kustodja f'każ li l-ġenituri tal-minuri ma jibqħux jgħixu taħt l-istess saqaf u l-istess Qorti ddikjarat li:

"***Il-kura u l-edukazzjoni tat-tfal, fil-każ li l-mara ma tibqax tgħix mar-raġel, trid dejjem tiġi affidata lil dak, fost il-miżżewġin li jiġi rikonoxxut bħala aktar adatt u idoenju sabiex jikkurahom u jedukahom, tenut kont ta' l-eta` tal-istess tfal u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ taħt dawk il-provvediment li jiġu kkunsidrati għall-vantaġġ ta' tali tfal."***

Fis-sentenza ta' **Melfi vs Vassallo** il-Qorti tal-Appell qalet**:**

***"In this case the court must do what is the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child...***

***.... The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegations, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneslef from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the Court to always look for the interests of the child."***

Il-Qorti tirrileva li hija konvinta sal-grad rikjest mill-liġi li huwa fl-interess suprem ta' dawn il-minuri, illum: [redacted], [redacted], [redacted] u [redacted], stante li illum [redacted] hnuwa maġġiorenni, li jkunu taħt il-kura u kustodja esklussiva tal-attriċi.

## DWAR IR-RABA` TALBA :

## - FUQ IL-MANTENIMENT GĦALL-ATTRIĊI :

Apparti l-fatt li l-attriċi stess iddikjarat li taħdem u li għandha itrojtu stabbli u għal dan ippreżentat: il-*job history* tagħha; l-FS3's u dokumenti oħrajn relatati mal-impieg tagħha li juru li taqla' madwar elf ewro (€1000) fix-xahar bħala supply teacher, b'hekk il-Qorti tirrileva li tul il-kors ta' dawn il-proċeduri l-attriċi kellha introjtu stabbli u għandha l-kapaċita` li taħdem iżda in oltre` il-Qorti tirreferi għall-fatt li kienet l-attriċi stess li ddikjarat li rreġistrat id-divorzju bejn il-partijiet hawn Malta fir-Reġistru Pubbliku u dan wara li saret taf li l-konvenut ottjena d-divorzju mill-Qorti ta' Kajr fl-Eġittu mingħajr il-kunsens tagħha. Konsegwentement m'hemm l-ebda manteniment dovut.
Fuq din l-istess tema hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-seba` talba tal-attriċi, fejn talbet lil Qorti sabiex tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jiperċepixxi manteniment mingħand l-esponenti. Hawnhekk il-Qorti tuża l-istess raġunament u konsegwentement l-ebda manteniment m'huwa dovut lill-konvenut.

## - FUQ IL MANTENIMENT GĦALL-ULIED:

Din it-talba hija konsegwenzjali għat-talba relatata mal-kura u l-kustodja tal-minuri. Ġjaladraba l-Qorti qiegħdha tiddeċiedi li l-kura u l-kustodja tal-minuri għandha tiġi fdata f'idejn l-attriċi b'mod esklussiv allura dan neċessarjament ifisser li l-konvenut għandu jikkontribwixxi għall-għixien ta' uliedu billi jħallas manteniment għalihom favur l-attriċi. Dan qiegħed jingħad il-linea ta' ġurisprudenza, fosthom il-kawżi **Portelli**

**Jenifer pro et noe vs. Portelli John**[77] f'liema sentenza saret referenza għall-artikoli 3, 3B u 7 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdu:

Artikolu 3: " ***Il-partijiet fiż-żwieġ għandhom l-obbligu, kull waħda minnhom skont il-mezzi u l-ħila tagħhom, li jaħdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinħtieġu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu għall-ħtiġijiet tal-familja."***

3B: ***"Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjoni ta' l-ulied."***

7: "***Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu uj jedukaw lil*** uliedhom ***bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodiċi."***

F'din is-sentenza l-Qorti qalet:

*"Abbażi tal-premess, jirriżulta mid-*dispozizzjonijiet *tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-*istess *obbligu versu l-ulied tagħhom, u għalhekk* it-tnejn *għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija ta' l-*istess...
*... Kif għandha tkun tali kontribuzzjoni minn kull wieħed mill-ġenituri, tvarja minn każ għal każ, u ħafna jiddependi* fuq il-mezzi rispettivi *u l-bżonnijiet tal-*istess minuri, pero` *xorta jibqgħu veljanti u skjetti l-prinċipji li jirregolaw l-*istess dimirijiet u obbligazzjonijiet *tal-ġenituri* verso l-*istess ulied, speċjalment għall-manteniment ta' l-*istess *fit-termini preskritti fl-artikolu 19 (1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16, li għalhekk*

[77] Deċiża nhar il-25 ta' Ġunju, 2003 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Ċit. Nru 2668/1996)

*jinkludu kontribuzzjoni għall-ikel, ilbies, saħħa u abitazzjoni u spejjeż meħtieġa għall-istess saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom skond il-bilanċ bejn il-bżonn u l-mezzi, kkalkulati ai termini tas-subartikolu ta' l-istess artikolu 20."*

Il-Qorti tirrileva wkoll li l-obbligu għall-manteniment tal-minuri m'huwiex marbut bl-edba mod mal-impieg jew mal-introjtu tal-ġenituri iżda huwa obbligu assolut.

Fil-każ odjern hemm erba` ulied li għadhom minorenni ([redacted], [redacted], [redacted] u [redacted]). L-attriċi ppreżentat prospett (Dok K) f'liema prospett għamlet il-kalkoli tagħha ta' dawk l-ispejjeż fissi fix-xahar u dawk li huma fissi fis-sena. F'dan id-dkoument (Dok K) il-kalkoli tal-attriċi huma kkalkolati għall-ħamest itfal peress li dak iż-żmien [redacted] kien għadu minorenni. F'dan id-dokument l-attriċi żiedet tgħid li kif appena joħorġu mix-xelter l-ispejjż li kien ser ikollha ġġor il-piż tagħhom waħedha kienu ser jiżdiedu. Fl-affidavit tagħha l-attriċi tgħid li f'Marzu 2021 hi u ulieda ħargu mix-xelter u marru jgħixu ġo post li rnexxielha tixtri bi shubija mal-Awtorita tad-Djar. Għal dan ippreżentat kopji ta' dokumentazzjoni in sostenn ma' dak li xehdet. Il-Qorti tirrileva wkoll li l-attriċi qalet li taħdem bħala *supply teacher* fejn taqla ċirka elf ewro fix-xahar.

Il-Qorti tirreferi wkoll għal dak li xehdet l-attriċi fuq ix-xogħol tal-konvenut bħala Chef, u d-dokumenti li ezebiet in sostenn ta' dan.

Il-Qorti tagħmel referenza għad-digriet tagħha tal-11 ta' Lulju, 2018, fejn fiċ-ċirkostanzi partikolari ordnat lil konvenut sabiex iħallas mitejn Ewro fix-xahar bħala manteniment għall-uliedu. Il-Qorti pero` tinnota li ċ-ċirkostanzi tal-konvenut ta' dak iż-żmien kienu ferm differenti peress li

kien miżmum ġewwa ċ- ċentru ta' detenzjoni u ma setax jaħdem. In oltre` dak iż-żmien l-attriċi kienet qed tibbenefika mill-fatt li kienet qed tgħix ma' uliedha ġo xelter. Illum iċ-ċirkostanzi huma ferm differenti u dan kif jirriżulta bl-aktar mod ċar mir-ritratti li eżebixxa l-konvenut stess mar-rikors tiegħu datat 3 ta' Marzu 2023, fejn jidher li qed jgħix ħajja normali ma' membri oħrajn tal-familja tiegħu u dan abbażi ta' dak li hu stess jistqarr fl-istess rikors tiegħu.

Tenut kont li l-attriċi sejra tiġi fdata bil-kura u l-kustodja tal-erba' minuri, u għalhekk ir-responsabbilita` tal-istess erba' minuri sejra tiġi fdata lilha b'mod esklussiv, u tenut kont ta' dak li ser jintqal dwar l-aċċess, dan neċessarjament ifisser li l-istess attriċi qiegħdha tikkontribwixxi għall-istess minuri mhux biss b'mod finanzjarju (stante li l-ammont ta' manteniment li ser jiġi likwidat u l-konvenut ser jiġi ordnat li jħallas żgur li mhux biżżejjed għall-għixien u ħajja tajba ta' erba' ulied) iżda ser iġġor il-piż wkoll f'aspett ieħor u waħedha stante li l-ulied ser jgħixu mal-istess ommhom l-attriċi u ser ikunu taħt ir-resposnabbilita` esklussiva tagħha. Il-Qorti għalhekk qiegħdha tillikwida l-manteniment pagabbli mill-konvenut kull xahar fl-ammont ta' mitejn ewro (€200) għall kull wild u għalhekk is-somma globali ta' tmin mitt ewro (€800) kull erba' ġimgħat. Dan l-ammont jinkludi wkoll sehem il-konvenut tal-ispejjeż kollha ta' saħħa u edukazzjoni tal-minuri.

Il-Qorti tinnota li fil-każ tat-tifel Islam peress li huwa twieled fit-18 ta' Settembru, 2001, dan għadu m'għalaqx l-eta` ta' tlieta u għoxrin sena. Fl-atti ma jirriżultax jekk dan għadux jistudja fuq bażi *full time* jew le. Fl-eventwalita` li dan it-tifel għadu qed jistudja fuq bażi *full-time*, u f'każ li dan it-tifel jgħix m'ommu l-attriċi, il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi manteniment għal dan it-tifel fl-ammont ta' mitejn ewro (€200) fix-xahar

u għandu jibqa' jħallas dan il-manteniment sakemm dan it-tifel jagħlaq l-eta` ta' tlieta (23) u għoxrin sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Minn naħa l-oħra jekk it-tifel Islam jgħix għal rasu, dan il-manteniment irid jitħallas mill-konvenut kull xahar direttament lil dan it-tifel.

**DWAR IT-TALBA SABIEX IL-QORTI TAGĦTI DAWK IL-PROVVEDIMENTI XIERQA U OPPORTUNI LI JIKKONĊERNAW LILL-MINURI:**

Il-Qorti ser tagħmel referenza għall-artikoli tal-Kodiċi Ċivili li huma applikabbli għal din it-talba:

B'referenza għall-artikolu 149 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta nsibu li:

"*B'dak kollu li jinsab f'kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi,* ***il-qorti tista', jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' persuna li tkun taħt l-età kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel"***

Il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għall-artikolu 154 tal-Kodiċi Ċivili:

*154.(1) Bla ħsara ta' kull piena oħra li għaliha jista' jkun suġġett skont il-liġi, il-ġenitur* ***jista' jiġi mneħħi mill-qorti hawn fuq imsemmija, mill-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenituri, jew minn biċċa minnhom, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:***

*(a) jekk il-ġenitur, billi jagħti kastig barra mill-qies, jaħqar lit-tifel,* ***jew jittraskura l-edukazzjoni tiegħu;***

(b) ***jekk l-imġieba tal-ġenitur tista' tagħmel ħsara lit-trobbija tat-tifel;***

*(ċ) jekk il-ġenitur huwa interdett, jew inabilitat li jagħmel xi atti, kif jingħad fl-artikoli 520 sal-527 inklużivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u fl-artikoli 189 u 190;*

(d*) jekk il-ġenitur jamministra ħażin ħwejjeġ it-tifel;*

(e) ***jekk il-ġenitur jonqos li jaqdi xi wieħed mill-obbligi msemmija fl-artikolu 3B favur it-tifel****.*

U skont l-Artikolu 3B:

*"Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjoni ta' l-ulied."*

Matul dawn il-proċeduri l-Qorti ħasset li kellha tneħħi s-setgħa ta' ġenitur tal-konvenut missier. Dan għamlitu għaliex qablet mal-Avukat tat-tfal meta fir-rapport tagħha qalet li l-fatt li dan spiċċa sabiex jiġi deportat minn Malta hija konferma tal-imġieba ħażina u nuqqasijiet serji minn naħa tal-konvenut.

In oltre` il-Qorti tħoss li għandha tagħti piż għall-verżjoni tal-attriċi f'dak li għandu x'jaqsam mal-karattru vjolenti u krudili tal-konvenut u dan peress li l-verżjoni tagħha ġiet sostanzjata b'diversi dokumenti li jikkonfermaw dan l-aġir vjolenti tal-konvenut. F'dan is-sens isir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Mejju 2016 fejn adirittura l-konvenut instab ħati u ingħata piena ta' priġunerija ta' tmien (8) xhur.

Apparti minn hekk jirriżulta wkoll mill-affidavit tal-attriċi a fol 232 in atti li l-konvenut injora kompletament l-ordni ta' din il-Qorti fejn ġie ordnat iħallas manteniment għal uliedu, u għalhekk l-konvenut wera bl-aktar mod ċar li naqas mhux biss bħala missier minn qabel ma nfetħu dawn il-proċeduri iżda baqa' għaddej bl-istess nuqqasijiet serji anki matul dawn il-proċeduri.

Finalment il-Qorti ma tistax tinjora dak li relatat it-tieni Avukat tat-Tfal fir-rapport tagħha – fejn qalet li l-erba' minuri kienu ferm deċiżi li ma jridux jaraw lil missierhom, lanqas jekk dan ikun taħt supervizjoni.

Għalhekk il-Qorti mhijiex ser takkorda aċċess għall-missier konvenut u abbażi tal-Artikoli suċċitati u ser tikkristalizza l-posizzjoni li ħadet *pendente lite* meta neħħiet s-setgħa tal-ġenitur tal-missier konvenut. Iżda qed tordna komunika lid-Direttorat u dan in vista ta' dak deċiż fir-raba` talba.

**<u>DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLU 48 ET SEQ KONTRA L-KONVENUT:</u>**

Il-Qorti hawnhekk terġa tirreferi għal dak li xehdet l-attriċi fl-Affidavit ulterjuri tagħha fejn qalet li l-partijiet huma divorzjati. L-attriċi ttenni li dan id-divorzju ngħata fl-assenza tagħha u mingħajr il-kunsens tagħha iżda kienet hi li rreġistrat id-divorzju hawn Malta fir-Reġistru Pubbliku, meta saret taf bid-divorzju.

Fid-dawl ta' dan il-Qorti m'ghandha ebda triq oħra ħlief li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-istess talba.

**<u>DWAR IT-TALBA GĦAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI U LIKWIDAZZJONI TAL-ISTESS:</u>**

Il-Qorti tirreferi għas-sentenza tagħha datat 17 ta' Ottubru, 2018, permezz ta' liema sentenza li ngħatat fl-ismijiet: **A B C D vs E C Rik. Nru. 39/18/2AL,** u permezz ta' liema sentenza il-Qorti ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti. Illum din is-sentenza għaddiet in ġudikat u kwindi l-mertu ta' din il-parti limitata tat-talba huwa eżawrit, u mid-data ta' meta s-sentenza għaddiet in ġudikat beda japplika ir-reġim tas-separazzjoni tal-beni bejn il-partijiet. Jibqa' pero` l-kwsitjoni tal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

Il-Qorti tagħmel referenza għall-parti tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi[78] fejn korretament qalet li *"jiġi mfakkar li l-qasma u l-assenjazzjoni tal-komunjoni baqgħu materji riżervati għas-*sentenza *definittiva."*[79]

Fin-nota ta' sottomisjonijiet tagħha l-attriċi tirreferi għal żewġ punti dwar dak li skontha kien hemm fil-komunjoni bejn il-partijiet u li għandu jiġi likwidat.

Fin-nota tagħha l-attriċi tikkwota silta mill-affidavit tagħha fejn tgħid li hi kienet iżżomm id-deheb tagħha fil-gwardarobba f'but tal-jeans blu. Għamlet ġranet tfittixhom u meta staqsiet lil konvenut fejn kienu, l-attriċi tgħid li qalilha li ħadhom għax kellu bżonnhom.

[78] Vide fol 176- 183
[79] Fol 181

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-attriċi tirraġuna li peresss li l-konvenut kien indika li l-valur ta' dan id-deheb kien fl-ammont ta' tmienja u għoxrin elf ewro (€28,000) peress li fir-risposta[80] tiegħu l-konvenut stqarr illi l-attriċi għandha: *"f'idejha bi €28,000 f'deheb illi nxtara fiż-żwieġ li għaldaqstant jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti,"* b'hekk hi għandha tieħu mingħandu nofs din is-somma u ċioe` l-ammont ta' erbatax-il elf ewro (€14,000).

Il-Qorti ma taqbilx mal-ħsieb tal-attriċi u dan għar-raġunijiet segwenti:

1. Il-Qorti tirreferi għall-affidavit tal-attriċi li jinsab a fol 114 sa 125, fil-parti intestata *Komunjoni tal-Akkwisti* u skontha għal ħabta ta' 2015 il-partijiet kienu rnexxilhom jfaddlu xi tmint elef euro (€8000) cash u kellha ukoll xi deheb personali tagħha – "*zewġt iċrieket, bracelet, żewġ ġiżirajjen, erbat iċpipet – li kont xtrajthom mill-Eġittu u kienu ilhom għandi madwar ħmistax-il sena. Dawn kien ħadhomli E, kien ammetta miegħi li ħadhom hu u qalli biex ninsihom. Jien nixtieq ningħata nofs dawn il-flejjes. Jien ma nafx għandux kontijiet bankarji, investimenti jew loans."*
2. Fl-istess affidavit, f'paragrafu preċedenti għal dak appena kkwotat l-attriċi tgħid li wara inċident li kellha fl-Eġittu, - u li mill-kronoloġija u sekwenza tal-affidavit tagħha jirriżulta li dan l-inċident seħħ bejn l-2011 jew ftit wara- , hi tgħid:
   *"Wara dan l-inċident, jien iddeċidejt illi nbiegħ id-deheb kollu u qbadt it-tfal kollha u tlaqt lejn l-Ambaxxata ta' Malta ġewwa l-Kajru biex jgħini nsiefer ġewwa Malta"*[81] B'hekk fil-fehma tal-Qorti l-attriċi ma setgħet

[80] Fuq ir-rikors tal-waqfrin għal komunjoni tal-akkwisti a fol 6 ta' Rik. 39/18/2AL
[81] Vide fol 117

qatt kellha deheb li kien ilu għandha xi ħmistax-il sena jekk f'paragrafu ieħor tal-affidavit tagħha qed tgħid li qabel ma niżżlet Malta wara l-2011 kienet biegħet id-deheb kollu li kellha.

3. Illi anki li kieku ma kienx hemm dawn is-sentenzi kontraditorji fl-Affidavit tagħha, fl-assjem tal-provi l-attriċi ma ttellgħet lil ħadd biex jixhed u bbażat il-provi tagħha fuq id-dikjarazzjonijiet magħmula minnha u dokumenti li eżebiet. Madankollu lanqas fid-dokumenti eżebiti minnha ma hemmx l-iċken forma ta' prova ta' x'assi jew flus jew deheb, jew dejn setgħu kellhom il-partijiet. Illi għalhekk il-prinċipju bażilari tad-dritt proċedurali illi min jallega jrid jipprova jew " Onus probandi incubit qui dicit non ei qui negat", ma ġiex sodisfatt minn naħa tal-attriċi.

**<u>DWAR IT-TALBA GĦAR-RESITUZZJONI TAL-ASSI PARAFERNALI TAL-ATTRIĊI</u>**

Il-Qorti tirrileva li dwar din it-talba, l-attriċi ddikjarat li qabel ma żżewġet lil konvenut ma' kellhiex assi. Hawnehkk il-Qorti tirreferi għall-Affidavit tal-attrici ppreżentat minnha fejn a fol 125 jirriżulta l-posizzjoni tal-attriċi:

*"Għalkemm ommi u missieri mietu meta kont għadni miżżewġha lil E, jien sal-lum għadni ma writ xejn mingħandhom. Apparti dan, jien meta żżewwiġt kelli sbatax -(17)- il sena u ma kelli xejn flus u proprjetajiet qabel iż-żwieġ."*

Fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni, il-Qorti m'għandha ebda triq ħlief li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-istess talba.

**DECIDE**

Għalhekk, u għar-raġunijiet kollha msemmija filwaqt li l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut safejn dawn huma inkompatibbli ma dan hawn taħt deċiz, filwaqt li:

1)Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-ewwel talba tal-attriċi, in vista in vista tal-fatt li illum din hija inapplikabbli ladarba l-partijiet huma divorzjati;

2)Tilqa' it-tieni talba fit-totalita` tagħha u dan safejn din tikkonċerna l-erbat itfal li sallum għadhom minorreni u għalhekk l-attriċi qed tiġi fdata bil-kura u kustodja esklussiva ta' [redacted], [redacted], [redacted] u [redacted] ulied il-partijiet. L-Attriċi qed tiġi esklussivament awtorizzata sabiex tieħu kwalunkwe deċiżjonijiet relatati mas-saħħa, ħruġ ta' passaporti, safar u edukazzjoni tal-imsemmija minuri hekk kif mitlub;

3)Tilqa' t-tielet talba u konsegwentment il-Qorti tordna li il-minuri għandhom jirrisjedu flimkien mal-attriċi fir-residenza tagħha;

4)Rigward ir-raba` tilqa' din it-talba limitatament u tipprovdi billi:

i) Tiċħad dik il-parti ta' din it-talba fejn l-attriċi qed titlob manteniment għaliha u dan mhux biss peress li hi stess ddikjarat li hija kapaċi taħdem

iżda wkoll minħabba l-istess raġunijiet mogħtija minn din il-Qorti rigward l-ewwel talba;

ii) Rigward manteniment għall-minuri, l-Qorti tordna:

a) Rigward l-erbat itfal li għadhom minuri u ċioe fir-rigward ta' [redacted], [redacted], [redacted] u [redacted]: il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi manteniment kull xahar fl-ammont ta' (€200) fix-xahar għal kull wild u ċioe` total ta' tmin mitt (€800) Ewro fix-xahar f'manteniment għall-istess minuri. Dan l-ammont ta' manteniment fix-xahar għall-istess minuri jinkludi wkoll sehem il-konvenut tal-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri. In oltre` dan il-manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Bl-applikazzjoni tal-artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas dan il-manteniment sakemm il-minuri rispettivi jagħlqu tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri, jew uħud minnhom, jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time* wara li jilħqu l-eta` maġġiorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm dawn it-tfal jagħlqu l-eta` ta' tlieta (23) u għoxrin sena jew sakemm itemmu l-istudji rispettivi tagħhom, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Il-manteniment għandu jiġi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegħ tal-konvenut, mill-impieg jew xogħol jew kwalunkwe benefiċċju li qed jipperċepixxi l-konvenut u jiġu depożitati f'kont bankarju indikat mill-attriċi. Tordna wkoll li kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż iċ-*Childrens Allowance* għandhom ikunu perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri. F'każ li l-minuri jew min minnhom jiddeċiedu li jmorru jgħixu għal rashom wara li jagħlqu l-eta ta' tmintax (18)-il sena, il-manteniment pagabbli mill-konvenut għandu jitħallas direttament lil dak il-wild jew l-ulied li marru jgħixu għal rashom;

b) Rigward it-tifel [redacted] magħruf ukoll bl-isem [redacted] skont iċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu, peress li dan għadu ma' għalaqx l-eta` ta' tlieta u għoxrin sena, fl-eventwalita` li dan it-tifel għadu qed jistudja fuq bażi *full-time,* u f'każ li dan it-tifel jgħix m'ommu l-attriċi, il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi manteniment għal dan it-tifel fl-ammont ta' mitejn ewro (€200) fix-xahar u għandu jibqa' jħallas dan il-manteniment sakemm dan it-tifel jagħlaq l-eta` ta' tlieta (23) u għoxrin sena jew sakemm itemmu l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Jekk dan it-tifel imur jgħix għal rasu, il-manteniment pagabbli mill-konvenut għandu jitħallas direttament lit-tifel.

5) Tilqa' il-ħames talba tal-attriċi iżda dan bil-mod kif ġiet indirizzata u inkorporata fl-ordni mogħtija fir-raba` talba.

6) Illi rigward is-sitt talba il-Qorti tipprovdi kif ġej *ai termini* tal-Artikoli 149 u 154 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

i) Tikkonferma u konsegwentement tikkristalizza l-posizzjoni tagħha li tirriżulta fid-digriet tagħha tal-29 ta' April, 2019 fejn il-Qorti ordnat li l-konvenut tilef is-setgħa tal-ġenitur;

ii) Abbażi ta' dak ordnat f'paragrafu 6 (i) tordna u tawtorizza lil attriċi sabiex bħala l-unika ġenitur vestita bis-setgħa ta' ġenitur u bħala l-ġenitur li ġiet fdata bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri, konsegwentement għandha waħedha tieħu dawk id-deċiżjonijiet kollha relatati mal-minuri, u b'hekk hija awtorizzata li tiffirma waħedha għal dak kollu relatat mas-saħħa, edukazzjoni, u safar tal-minuri;

iii) Tara li fiċ-ċirkostanzi jkun xieraq illi l-każ jiġi riferut lid-Direttorat fejn il-professjonisti konċernati għandhom jitkellmu mal-minuri waħedhom u jaraw jekk il-posizzjoni tagħhom rigward missierhom il-konvenut għadux

l-istess u ċioe` li ma jridux jkollhom aċċess miegħu taħt l-ebda ċirkostanzi, jew, jekk hemmx possibilita li jibnu, jew uħud minnhom jibnu, rapport mal-konvenut missierhom, b'dan pero` li l-professjonisti għandhom jaċċertaw ruhhom li tali rapport jista' jkun ta' benefiċċju għall-minuri, u jekk iva dan irid isir taħt superviżjoni ta' *social worker* skont il-frekwenza li jidrilhom xieraq fiċ-ċirkostanzi.

7) Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-seba' talba peress li dan il-mertu illum huwa eżawrit għall-istess raġunijiet indikati fl-ewwel talba;

8) Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' dik il-parti tat-tmien talba fejn ir-rikorrenti talbet li tiġi xolta il-kommunjoni tal-akkwisti u dan stante li fil-mori tal-kawża l-komunjoni ġiet mwaqfa permezz ta' sentenza preliminari ta' nhar is-17 t'Ottubru, 2018, filwaqt li tillikwida, tiddividi u tassenja l-istess komunjoni billi kulħadd iżomm il-flus u l-kontijiet bankarji li huma intestati f'isimhom, u dak kollu li jista' jinsab fil-pussess tagħhom u dak li jinsab f'isimhom, filwaqt li kull parti qed tiġi assenjata kwalsiasi dejn magħmul minnhom waqt li kien għad hemm *in vigore* r-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti.

9) Tiċħad id-disa' talba_tal-attriċi stante li fl-affidavit tagħha hi stess tiddikjara li ma' għandhiex assi dotali u/jew parafernali;

10)Tiċħad l-għaxar talba stante li m'hemmx ħtieġa għaliha;

11) Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ħdax-il talba;

12) Tilqa' it-tnax-il talba.

Bl-Ispejjeż, inkluż dawk tas-sentenza preliminari u dawk tas-sentenza *in parte* li għandhom jiġu sopportati interament mill-konvenut.